**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 ta' Gunju 2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Stacy Attard)**

**vs**

**ALEXANDER CARDONA**

**Kump 72/2020**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alexander Cardona detentur tal-Karta tal-identita numru 154167M, fejn gie akkuzat talli;

1. Nhar l-14 ta Frar 2020 għall- ħabta tal- 11:30hrs ġewwa Triq Eugenio Borg, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga

accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu w li kieku sehh kien ikun reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), għad dannu ta' Mark Grech id:399575M u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra; skond art. 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e),263,264(1), 267, 269(g), 279(a);

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, Bi ħsara tas-sid jew detentur tal-propjeta ta' ħaddiehor, għamel vjolazzjoni kontra l-propjeta billi aċċeda ġewwa bejt ta Propjeta bin- numru 37, Triq Eugenio Borg, Hamrun bi ksur tal- art. 340 (d) tal- Kap 9 tal- Liġijiet ta Malta;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, wara li kien ġie ikkundannat f' Malta għal- serq, instab fil- pussess ta' oġġetti jew għodod oħra tajbin għall- ftuħ jew sgassar ta' serraturi li ma kienux tal- kondizzjoni tieghu, mingħajr ma ta' kont sodisfaċenti għall-liema skop leġittimu instabu għandu dak iż- żmien, bi ksur tal-art. 287 tal- Kap 9 tal- Liġijiet ta Malta;

4. U aktar talli fl-istess data lok, ħin u ċirkustanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati Malta;

5. Finalment, nakkuzawh ukoll, talli rrenda ruhu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-

ammissjoni wara li kien inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qeda tikkonsidra, fost ohrajn, is-segwenti fatturi :

a. L-ammissjoni bikrija ta` l-imputat;
b. Il-fedina penali xejn felici tieghu;
c. Il-fatt li huwa recidiv;

**KONKLUZJONI;**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 41(1)(A), 49, 50, 261(B)(C)(E), 263, 264(1), 267, 269(G), 279(A), 287, 289, 340(D) U 579 TAL-KAP.9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, issib lill-imputat, bhala recidiv, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur